# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 9 ta' Dicembru, 2015**

**Talba Nru: 387/2014/VG**

**Dr. Paul GAUCI MAISTRE [ID. Nru. 299652M]**

**Vs**

**Billy Joseph BORG**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fis-16 ta' Gunju, 2014** u li permezz taghha talab lill-intimat jhallasu s-somma ta' elfejn u tmien mitt euro [€2800] u dan wara li ppremetta hekk:

> "kera u hlasijiet ohra dovuta mill-konvenut naxxenti mill-iskrittura tal-kera tas-16 ta' Jannar, 2014 fuq l-appartament numru 10, Island View Flats, Toni Bajjada Street, St. Paul's Bay.
>
> Bl-imghaxijiet u l-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dina t-talba".

Ra li t-talba kienet giet differita sine die fis-seduta tat-28 ta' Jannar, 2015;

Ra r-rikors tar-rikorrenti pprezentat fit-22 ta' Lulju, 2015 fejn talab li t-Talba odjerna terga tigi mqeghda fuq il-listi tal-kawzi tieghu.

Ra d-digriet tieghu datat 29 ta' Lulju, 2015 fejn laqa' t-talba u l-kawza regghet tqeghdet fuq il-listi tieghu.

Ra li l-intimat gie debitament notifikat bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li baqa' ma ressaq l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Ra n-nota ta' riduzzjoni mressqa mir-rikorrenti fis-seduta tal-lum u li permezz taghha l-ammont reklamat f'dawn il-proceduri gie ridott ghas-somma ta' elf u erba' mitt euro "*stante illi l-flat mertu tal-avviz rega inkera wara l-prezentata ta' dan l-avviz*".

Semgha x-xhieda tar-rikorrenti, l-Avukat Dottor Paul Gauci Maistre ta-lum stess fejn iddikjara li l-ammont issa ridott ghal elf u erba' mitt euro (€1,400) huwa dovut ghal iskadenzi ta' kera minn Frar sa Gunju 2014. Ir-rata kienet ta' €350 fix-xahar.

Ra li Dr. Paul Gauci Maistre talab li jigu dikjarati maghluqa l-provi, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qieghed jitlob il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma, issa ridotta, ta' elf u erba' mitt euro [€1,400] in konnessjoni ma kera u hlasijiet ohra dovuta minnu lir-rikorrenti naxxenti mill-iskrittura tal-kera tas-16 ta' Jannar, 2014 fuq l-appartament numru 10, Island View Flats, Toni Bajjada Street, St. Paul's Bay.

   Ikkunsidra;

2. L-Avukat Dottor Paul Gauci Maistre xehed illum stess u wara li rriduca l-ammont minnu mitlub f'dawn il-proceduri ghas-somma ta' elf u erba' mitt euro (€1,400) qal li l-intimat ghandu jhallsu l-ammont ta' €350 fix-xahar ghal perjodu Fra sa Gunju, 2014.

   Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

   *(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

   (a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

   *Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

   *(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-*

> *subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie debitament notifikat bil-procedura ta' l-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tar-rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal minnu ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mir-rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tar-rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf u erba' mitt euro [€1,400] bl-imghaxijiet kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mis-16 ta' Gunju, 2014 (data tal-prezentata ta' din it-Talba), sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**